Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Jonathan Vassallo

Vs

Twin Spark Limited (C17319)

CCT 73/23/CC

Illum 1 ta' Lulju, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba ta' l-attur ippreżentata fit-28 ta' April 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €1,255 (elf, mitejn u hamsa u hamsin ewro) rappreżentanti danni sofferti minnu in segwitu ghal installazzjoni ta' *rack* u *pinion power steering* ta' vettura Ford Sierra Sapphire Cosworth, wara li saret manutenzjoni fuqhom mis-socjeta' intimata.

Ra li intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ippreżenta risposta, fejn fiha *inter alia* eccepixxa n-nullita tat-talba in vista li l-intimat kif indikat originarjament fl-avviz tat-talba ma kienx il-legittimu kontradittur. Inoltre permezz ta' l-istess risposta, t-talba avvanzata mill-attur giet kontestata fil-mertu, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Illi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat giet sorvolata permezz ta' korrezzjoni fl-okkju b'dan li l-intimata ghandha tigi indikata bhala 'Twin Spark Limited (C17319)'.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' u ha konjizzjoni tal-provi dokumentarji tal-partijiet.

Ra in-noti ta' sottomisjonijiet tal-partijiet ippreżentati fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidra

Illi l-attur huwa sid ta' vettura Ford Sierra Sapphire Cosworth tas-sena 1992, liema vettura giet midjura u modifikata. L-attur jispjega li ghal dan il-ghan, huwa xtara vettura ohra simili, fejn ha komponenti minn din il-vettura sabiex jitpoggew u jinbidlu

fejn kien hemm bzonn. L-attur fit-talba tieghu jispjega li ghalkemm ir-*rack and pinion power steering* kien jahdem tajjeb, peress li huwa kien qed jirrestawra din il-vettura, huwa kien iddecieda li jaghmillu manutenzjoni, u b'hekk hadu ghand is-socjeta' intimata.

Illi Ralph Cordina, jezercita l-professjoni tieghu taht il-kumpanija Twin Spark Limited. L-attur ha l-*isteering rack* ghand is-socjeta' intimata, li in segwitu irrizulta li r-rack giet maghwweg - saru x-xoghlijiet mehtiega u ttestjar u inghata lura lil attur. Gara li kif l-*isteering rack* twahhal mal-pompa, il-pompa hadmet, izda l-*isteering rack* ma hadimx. Twahhlet pompa ohra li l-attur kien jaf li kienet tahdem tajjeb, bil-konsegwenza li gara l-istess. L-attur informa lis-socjeta' intimata, u rega' ha kollox lil Ralph Cordina. Cordina ikkonferma li l-pompa tkissret. In segwitu Ralph Cordina mar ghand l-attur sabiex jarma kollox fuq il-post u minkejja dan, is-sistema ma hadmitx.

Ikkunsidra;

Illi minn analizi tal-provi prodotti mill-partijiet, jirrizulta li originarjament is-socjeta' intimata giet inkarigata ghal tiswijiet fuq l-*isteering rack,* u mhux ghal istallazzjoni ta' l-istess fuq il-vettura, jew fuq komponenti ohrajn ta' l-istess vettura. Isegwi ghalhekk, li jigi determinat jekk bit-tiswijiet li saru mis-socjeta' intimata fuq l-*isteering rack,* sarux hsarat u danni ohrajn kif reklamati mill-attur fl-avviz tat-talba.

Illi t-Tribunal jinnota li mill-provi irrizulta li filwaqt li l-pompa hija maghmula minn fondut *(cast iron)*, l-*isteering rack* ma huwiex maghmul minn fondut. Irrizulta wkoll li l-*isteering rack* kellu xi frak tal-fondut, li aktarx kien irrizulta mill-pompa. Dan il-punt hareg mill-kontro - ezami ta' Terence Galea, u huwa anke' ikkonfermat fix-xhieda ta' Ralph Cordina. Jirrizulta li l-fondut huwa materjal abrasiv - li jobrox, u dan jaghmel hsara ghal komponenti l-ohrajn tal-vettura.

It-Tribunal in vista tal-premess, ma jistax ikollu certezza morali li x-xoghlijiet li saru fuq l-*isteering rack* mis-socjeta' intimata ikkagunaw il-hsarat kif reklamati mill-attur. Dan partikolarment qed jinghad minhabba l-fatt li s-socjeta' intimata kienet inkarigata biss sabiex taghmel tiswijiet fuq l-*isteering rack*, u mhux fuq il-pompa, jew xi komponenti ohrajn tal-vettura. Inoltre, jirrizulta li in segwitu li l-*isteering rack* gie installat fuq il-vettura, dan kellu xi frak ta' fondut - li huwa l-materjal li minnu hija maghmula l-pompa.

Illi t-Tribunal jinnota ulterjorment li s-socjeta' intimata ma jirrizultax li infurmat lil attur sabiex precedentement ghal installazzjoni ta' l-*isteering rack* fuq il-vettura, issir il-manutenzjoni mehtiega u necessarja fuq il-komponenti l-ohrajn tal-vettura. Inoltre, minn dokumenti ipprezentati mill-attur fl-atti ta' dawn il-proceduri, li huwa skambju

ta' messaggi bejn l-attur u s-socjeta' intimata jidher li kien hemm avvicinament sabiex l-attur jigi rizarcit parti mill-ispejjez.

Illi tenut kont tal-premess, it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u fl-ahjar interess tal-gustizzja u ekwita, ghalkemm it-Talba avvanzata mill-attur mhux ser tigi akkolta, it-Tribunal qieghed jillikwida ammont *arbitrium bon viri* ta' €150 (mija u hamsin ewro) liema ammont qieghed jigi determinat in vista li s-socjeta' intimata kellha tinforma lil attur sabiex isir l-ittestjar relattiv fuq il-komponenti l-ohrajn tal-vettura qabel l-installazzjoni ta' l-*isteering rack*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-Talba avvanzata mill-attur in vista ta' dak premess, qieghed jillikwida ammont *arbitrium bon viri* ta' €150 (mija u hamsin ewro) li s-socjeta' intimata ghandha thallas lil attur.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru